# Nispiccaw bil-qubbajt u l-qassatat

**Fl-aħħar artiklu tiegħi kellimtkom dwar kif kienet issir fil-qedem il-proċessjoni votiva ta' San Girgor, u għal liema raġuni kif jaħsbu l-istoriċi, saret dik il-wegħda jew vot. Illum, ngħidilkom kif niftakarha ssir fi ċkuniti u kif qegħda ssir illum. Jiena niftakar meta f'dik il-proċessjoni kienu jieħdu sehem il-qassisin ta' kull parroċċa, ir-reliġjużi kollha u l-fratellanzi tad-djoċesi.**

***Minn Mons. Prof. A. Bonnici***

Kulħadd kien jitlaq bil-mixi. Dawk li jiġu mill-bogħod ħafna, bħal dawk tal-Imdina, kienu jaqsmu t-trieq — nofshom bil-mixi u nofshom riekbin fuq karrozzelli jew karrozzini, biex iserrħu lil xulxin, sakemm jaslu l-Marsa, jew ħdejn iċ-Ċimiterju. Minn hemm kienu jitilgħu sal-Knisja ta' Ħal-Tarxien Mill-parapett għoli tad-dar mgħaqqda mal-knisja ta' San Bert, l-alarju jew messaġġier tal-Kurja kien isejjaħ lir-reliġjużi u lill-kleru tal-parroċċi mal-fratellanzi skond l-Ordni jew il-Parroċċa tagħhom. U dawn kienu jimxu waqt li jgħidu l-Brevjar u l-kant tal-Litanija tal-Qaddisin sakemm jaslu ż-Żejtun.

Niftakar il-ġemgħat ta' nies sekulari, kollha mexjin mal-ġnub tal-kleru tagħhom. Ħaġa li kienet tolqotni kienet il-pendent, jew ċoff tad-drapp — ta' ħafna rrakkmat — imdendel mas-slaleb tal-parroċċi, b'sinjal ta' soġġezzjoni għas-salib tal-Arċisqof.

Fil-pjazza taż-Żejtun, la naf qabel u l-anqas malli jitilgħu t-taraġ taz-zuntier tal-knisja arċipretali tal-lum, mibnija fuq il-pjanta ta' Lorenzu Gafà, dawk li jġorru l-istandardi tal-fratellanzi kienu jagħmlu wirja tas-saħħa u l-ħila tagħhom, billi jbaxxu kważi sal-art l-istandard u jdawwruh miftuħ għal tliet darbiet bla ma jaqtgħu. Mid-dehra, kienet ħaġa diffiċli ħafna, speċjalment meta r-riħ kien jonfoħ ġmielu. U tista' tgħid, San Girgor dejjem bir-riħ!

### MIZERIKORDJA!

Il-proċessjoni kienet tidħol fil-knisja u hemm titkanta l-antifona ta' Santa Katarina, il-patruna ta' dik il-parroċċa. L-Arċisqof imbagħad kien ikanta il-kelma "miżerikordja"; il-kleru u n-nies itennu l-istess kelma b'devozzjoni.

Il-proċessjoni, imbagħad, kienet toħroġ minn dil-knisja u taqbad ir-rotta għall-knisja l-qadima ta Santa Katarina, li kif għidna, hi aktar magħrufa bl-isem ta' San Girgor. Fit-trieq kien jitkanta l-"Benedictus" u t -"Te Deum", bħala ringrazzjament lil Alla.

F'dik il-knisja ċkejkna u qadima toħroġ il-quddiesa ta' ringrazzjament. U wara, wħud bil-qassatat f'idhom, jew b'xi biċċa qubbajt f'ħalqhom, kienu jmorru lura lejn darhom, oħrajn kienu jinżlu Wied-il-Għajn, Marsaxlokk jew Birżebbuġa, iqattgħu hemm il-bqija tal-jum, jixxalaw, idoqqu, jgħannu, jieklu u jixorbu, u wħud jiskru u jitbaħardu. Addio penitenza u flaġelli tan-nies tal-qedem!

Minħabba f'hekk, meta nqalgħet il-kwestjoni tal-preċedenza bejn il-Kapitoli tal-Kolleġġjati ta' Malta, l-Arċisqof Mawru Caruana, fl-1926, ħareġ ċirkolari li biha mmodifika l-forma tal-proċessjoni ta' San Girgor. Fiha kellhom jieħdu sehem biss il-Kapitlu tal-Katidral bil-kleru tiegħu, il-patrijiet tal-Imdina u r-Rabat u l-fratellanza ta' San Gużepp tar-Rabat. Il-parroċċi kellhom jagħmlu proċessjoni, kull waħda għaliha, fit-12 ta' Marzu, Festa ta' San Girgor. U hekk beda jsir ta' kull sena.

B'hekk inqatgħu dawk il-ħafna karrozzini li kienu

**(Ikompli fil-paġna 4)**

# Nispiċċaw bil-qubbajt u l-qassatat

(Jaqbad mill-paġna 3)

jkunu "ipparkjati" wara l-knisja l-ġdida jistennew lin-nies biex wara l-proċessjoni, jeħduhom ħdejn il-baħar. Spiċċa wkoll il-kiri ta' banketti għal dawk li jkunu jistennew il-proċessjoni ġejja.

### KUNTRAST

Sa ftit żmien ilu, il-proċessjoni kienet tinġema' u titlaq mill-Knisja ta' Sant' Ubaldesca, il-parroċċa l-qadima tar-Raħal Gdid. Illum titlaq mill-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, u timxi sal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Minn hemm, wara talbiet penitenzjali, titlaq għaż-Żejtun.

X'differenza bejn il-proċessjoni tal-qedem u dik ta' llum! Fratellanzi ħadd, standardi xejn, salib wieħed tal-Katidral, reliġjużi, kleru u kanonċi ftit, u l-Arċisqof b'warajh sitta minn nies, kemm wieħed ma jgħidx li jgħoddhom fuq subgħajh ta' id waħda! F'Raħal Gdid, Ħal Tarxien u ż-Żejtun, ftit nies iħarsu — uħud bla ebda nteress — lejn il-proċessjoni u x'xufiera bla sabar jistennewha tfittex tgħaddi ħalli jissuktaw triqthom. L-unika konsolazzjoni li wieħed iħoss hija dik ta' ġo l-knisja ta' San Girgor, fejn għadd ġmielu ta' devoti jinġabru u jassistu bil-qalb u bid-devozzjoni għall-Quddiesa konċelebrata mill-kanonċi tal-Katidral u ħafna jitqarbnu fiha.

Għadd ġmielu ieħor ta' nies dak inhar imorru mill-ewwel f'xatt il-baħar tat-tliet irħula madwar iż-Żejtun ħa jdoqqu u jgħannu, jieklu, jixorbu u jixxalaw. Fost dawn issib xi għarajjes ġodda, imma żgur li ebda għarus minnhom ma niżżel fil-kitba taż-żwieġ li kellu jieħu l-għarustu għal dik il-festa, bħalma kienu jagħmlu l-għarajjes friski fil-qedem.

### IL-KNISJA TA' SAN GIRGOR

Il-Knisja ta' San Girgor aktarx twaqqfet fis-seklu erbgħatax, meta ġie mwaqqaf il-benefiċċju kanonikali tal-Kantorat fil-Knisja Katedrali. Infatti, sa ftit snin ilu kienet amministrata minn Monsinjur Kantur. Għalhekk, fis-sagristija tagħha, wieħed jara l-armi familjari tagħhom: minn dik ta' B. Asciak (1372) sa dik ta' Mons. Angelo Ghigo, il-Kantur tal-lum. Fil-kamra ta' fuq is-sagristija, imbagħad, hemm ritratti pittura ta' xi kanturi antiki. Dik kruha ta' uċuħ! Ma tridx tkun waħdek f'dik il-kamra meta jibda jidlam, għax żgur titwerwer! U frattant fil-ħdax ta' filgħodu aħna l-monsinjuri u qassisin oħra ma nibżgħux nieklu taħthom il-qassata u pastizz tajbin li jlestulna s-Sorijiet ta' Gesù Nazzarenu!

Mill-1436 dik il-knisja bdiet isservi bħala parroċċa imwaqqfa mill-Isqof Senatore de Mello, flimkien ma' disa' parroċċi oħra. Kienet tissejjaħ il-parroċċa ta' Bisqallin u kellha fiha, barra ż-Żejtun, lil Ħaż-Żabbar, Ħal Għaxaq, u d-distretti Gwanni u Besbut.

Ferres kiteb li skond skrizzjoni qadima, dik il-knisja nbniet mill-ġdid fl-1492 mill-kappillan Zullo, imlaqqam Baldo, u l-prokuraturi Gakbu Bonnici u Pawlu Dalli.

Meta, fl-1614, it-Torok reġgħu ħebbu għal Malta, minn Marsaxlokk telgħu iż-Żejtun u għamlu ħerba minn dawk l-inħawi, fosthom dik il-knisja, tant li l-Kappillan kellu jissospendi l-amministrazzjoni tas-Sagramenti għal xahrejn.

Dik il-knisja, mela, hija waħda mill-eqdem li għandna. Bħal dik ta' Bir Miftuħ ġol-Gudja, hija primittiva fl-istruttura tagħha. Iżda Dr. E. Sammut isostni li hi tressqek aktar lejn is-seklu ħmistax, milli lejn is-seklu tnax, kif kitbu xi wħud.

### MINN BARRA U MINN ĠEWWA

Il-faċċata tagħha hija l-aktar sempliċi: għandha biss bieb ornamentali, tieqa tonda fuqu u kampnar ċkejken fin-nofs quddiem. L-importanza tal-knisja qegħda fl-użu tal-ġebel flok it-travi tal-injam, kif kien isir fil-qedem. Għalhekk kien jinħtieġ li n-nava tinqasam f'sezzjonijiet ta' xi sitt . piedi wisgħa kull waħda (l. hu t-tul normali tax-xorok) imqegħdin fuq arkati ikkustiljati ħerġin mill-ħajt. Erba' kustilji imsallbin fin-nofs jiksru l-monotonija tas-saqaf.

Fil-knisja hemm artal maġġur u żewġ artali oħra, wieħed kull kappellun. Il-kwadru titolari juri l-martirju ta' Santa Katarina; dak tal-lemin juri juri lil San Girgor u tpitter fl-1615 a spejjeż tal-Pirjol Fra Pietro Gonzales de Mendoza, li bena l-knisja ta' San Gakbu tal-Belt. Il-kwadru tax-xellug juri l-Madonna tar-Rużarju.

Mhux ta' min iħalli barra l-istatwa tal-ġebel li qegħda quddiem dik il-knisja u turi lil San Girgor bilqegħda fuq katedra jfisser l-iskrittura, statwa maħduma fl-1338 mill-iskultur mosti Salvu Dimech fuq id-disinn ta' Ġużeppi Hyzler, a spejjeż tal-Isqof Annetto Casolani, li kien il-kanonku kantur ta' dak iż-żmien; u madwarha...... tlieta jew l-erba' mwejjed tal-qubbajt!